# Il-Ġurnalisti f'Titjira mal-Papa

Nhar it-30 ta' Lulju 2013, fit-titjira lura minn Rio de Janeiro lejn Ruma, il-Papa Franġisku tkellem għal madwar siegħa u nofs mal-ġurnalisti li akkumpanjawh fil-vjaġġ tiegħu. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha ma kinux mħejjija jew maħsuba minn qabel u l-Papa wieġeb il-mistoqsijiet kollha li sarulu, fuq suġġetti li kienu jvarjaw ħafna.

Il-Papa Franġisku qal li kien kuntent ħafna bil-vjaġġ tiegħu fil-Brazil. Qal: "Il-poplu Brażiljan huma nies twajba u mimlija mħabba, dħulin, affabbli, u ġenerużi, li anke waqt it-tbatija jfittxu l-aħjar għal kulħadd. U din hija ħaġa tajba: huma nies ferrieħa li batew ħafna. Dan il-vjaġġ kien tajjeb ħafna; spiritwalment lili għamilli l-ġid. Tiltaqa' man-nies dejjem jagħmel tajjeb, għax meta nagħmlu hekk nirċievu ħafna affarijiet tajbin mingħand l-oħrajn".

Il-Papa rrivela l-kontenut tal-bagalja sewda li ġarr waqt il-vjaġġ tiegħu fil-Brażil. "Ma kienx hemm iċ-ċavetta ta' bomba atomika! Kien hemm xafra tal-leħja, l-brevjar, id-djarju tiegħi, ktieb biex naqra – ġibt wieħed fuq Santa Terża ta' Lisieux, li jien devot tagħha – dejjem nieħu dan il-basket meta nivvjaġġa. Huwa normali. Għandna nkunu normali".

Il-Papa rrefera għal Mons. Ricca għax magazin Taljan ippubblika informazzjoni malfamanti fuq il-ħajja personali tiegħu. Il-Papa qal hekk: "Nara li spiss ħafna fil-Knisja, hemm tendenza li jiġu mfittxija dnubiet li saru fiż-żgħożija, jippubbliċizzawhom. Miniex nitkellem fuq reat: l-abbuż tal-minuri huwa reat. Imma jekk bniedem lajk, jew qassis, jew soru dineb, dinbet, il-Mulej jaħfer u jinsa. U dan importanti: il-Mulej jinsa. M'għandniex id-dritt li ma ninsewx. San Pietru ikommetta wieħed mill-aktar dnubiet gravi, l-apostasija, u minkejja dan Ġesù għamlu kap tal-Knisja… Jekk persuna hi gay, u tfittex lil Alla, u għandu rieda tajba, min jien jien biex niġġudikah?"

Bl-istess mod il-Papa ma ħarabx it-tema tas-sagramenti għad-divorzjati u li reġgħu żżewġu. "Naħseb dan huwa żmien ta' ħniena. Id-divorzjati jistgħu jkollhom aċċess għas-sagramenti. Il-problema hija ma' dawk li jinsabu fit-tieni żwieġ għax ma jistgħux jirċievu l-Ewkaristija (ma jistgħux jitqarbnu). Imma f'paranetesi, l-Ortodossi għandhom prassi differenti. Huma jsegwu teolġija differenti, u huma mogħtija t-tieni ċans. Imma naħseb u din hija l-problema – u hawn nagħlaq il-parentesi – trid tkun studjata fi ħdan il-qafas tal-kura pastorali matrimonjali. Waħda mit-temi li l-Kunsill tal-Kardinali se jikkunsidra fil-laqgħa f'Ottubru hija kif nipproċedu f'relazzjoni lejn il-kura pastorali matrimonjali. Ftit ġranet ilu ltqajt mas-segretarju tas-Sinodu tal-Isqfijiet, għat-tema tas-Sinodu li jmiss, u rajna li spikkat din it-tema antropoloġika: kif il-fidi tgħin fl-ippjanar tal-persuna u tal-familja u tidħol fil-pastorali taż-żwieġ. Qegħdin fit-triq lejn kura pastorali matrimonjali aktar profonda".

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270








# Il-Kelma tal-Kappillan

Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla hu il-bidu u s-sostenn tal-fidi nisranija tagħna. Wieħed ma jistax jistenna li jkun jaf dwar Alla, u dwar kif Alla jridna ngħixu, jekk ma jkunx jaf dak li Alla għoġbu jgħarrfilna dwaru nnifsu. Dan it-tagħrif dwar Alla nsibuh fl-Iskrittura u fit-Tradizzjoni. San Ġirolmu jgħidilna li min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Alla. Żgur li għandna bżonn naqraw iżjed l-Iskrittura. Ejjew insibu ħin għal dan il-qari. Inkunu qed insibu ħin għal Alla fil-ħajja tagħna.

Bi Tradizzjoni nifhmu t-tagħlim tal-Knisja; Ġesù ta lill-Knisja l-awtorità li tfissrilna u tinterpretalna l-Iskrittura u d-duttrina tal-fidi. Biex nogħġbu lil Alla u nkunu magħqudin miegħu rridu nagħtu widen għat-tagħlim tal-Knisja. Id-dixxiplu ta' Ġesù jħobb il-Knisja u għandu għal qalbu it-tagħlim tagħha.

L-akbar u l-ogħla rivelazzjoni li Alla tana tiegħu nnifsu seħħet meta Alla bagħtilna lil Ibnu Ġesù. Ġesù huwa l-istess rivelazzjoni ta' Alla, Alla nnifsu, l-istess Kelma ta' Alla. Ġesù deher fid-dinja bħala għalliem li għadda jgħallem u jxandar il-Bxara t-Tajba. Hu stess qalilna li "min hu minn Alla, jisma' l-Kelma ta' Alla". Il-prova li wieħed iħobb tassew lil Alla hija li wieħed jisma' l-kelma li Ġesù qalilna.

Meta ngħidu "tisma" l-Kelma ta' Alla jfisser li mhux sempliċiment tisma' b'widnejk, imma tħalli l-kelma tinżel f'qalbek u tbiddlek u tasal li tgħix skond dak li tgħidlek il-Kelma. Huwa bħal meta fil-malti ngħidu "isma' minni", jiġifieri, agħmel dak li qed ngħidlek, obdini. Għalhekk Ġesù jgħid: "Mhux min jgħidli Mulej, Mulej jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, imma min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li qiegħed fis-Smewwiet". Mela li tisma' l-Kelma ta' Alla jfisser li tagħmel dak li l-Kelma ta' Alla tgħidlek biex tagħmel.

L-Appostlu San Pawl jgħallimna li "l-fidi mis-smigħ u s-smigħ tal-Kelma ta' Alla". Jekk qed tħoss li fik jew fil-familja tiegħek il-fidi f'Ġesù hija dgħajfa, dak li trid tagħmel huwa li ddur malajr lejn il-Kelma ta' Ġesù u tagħmel dak li tgħidlek hi. Quddiem tant pluraliżmu ta' ideat, kif jista' wieħed jippretendi li jgħix il-ħajja nisranija tiegħu jekk ikun sajjem minn Ġesù u mill-kelma tiegħu?

***Fr Lino***

# Djarju - Settembru 2013

| | |
|---|---|
| **Il-Ħadd 1** | It-22 Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena C: Għall-ikla tal-Mulej fl-aħħar taż-żminijiet, l-istedina toħroġ biss mingħand il-Mulej, li jistieden lill-umli u lil dawk li jħossu l-bżonn tas-salvazzjoni. |
| **Il-Ġimgħa 6** | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ġesù Ewkaristija jkun espost għall-qima tagħna bejn id-9.00a.m. u 12.00p.m. u mill-4.00p.m. sas-6.00p.m. Bejn il-4.45pm u l-5.45pm ikollna adorazzjoni mmexxija mill-Grupp tal-Ħniena Divina. |
| **Il-Ħadd 8** | It-23 Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena C: Il-fidi nisranija tagħna hija għażla. Għan-nisrani xejn u ħadd ma jista' jiġi qabel Ġesù. |
| **Il-Ħamis 12** | Wara l-Quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Is-Sibt 14** | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes: Bil-mewt tiegħu fuq is-salib u bil-qawmien tiegħu mill-mewt, Ġesù reġa ħabbibna ma' Alla l-Missier. Ikun tajjeb ħafna li llum nieħdu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. |
| **Il-Ħadd 15** | L-24 Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena C: M'hemmx tarf għall-ħniena u għall-imħabba ta' Alla. Fil-persuna ta' Ġesù u fit-tagħlim tiegħu, Alla jurina x-xewqa kbira li jaħfrilna u jsalvana. |
| **Il-Ħamis 19** | Wara l-Quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 22** | Il-25 Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena C: Ġesù jgħallimna kif għandna nużaw tajjeb il-ġid tad-dinja. Xejn ma għandu jiġi qabel Alla, u għalhekk ħafna drabi jkollna nagħżlu lil min irridu naqdu: jekk hux lil Alla jew il-ġid materjali. |
| **Il-Ħamis 26** | Wara l-Quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 29** | Is-26 Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena C: Ħażin għall-għonja li fl-egoiżmu tagħhom anqas biss jilmħu l-ħtiġijiet tal-fqar li jitolbu l-għajnuna. Imma Alla għad jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu skond kif ikun għex. |





## *Mill-Ħajja tal-Parroċċa matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2013*

***Ingħaqdu mal-Komunità Nisranija permezz tal-Magħmudija:***

Nirvana Magri
Mia Mascari Fardell
Oliver Briffa Desjardins
Luke Tua

***Ingħaqdu Flimkien fi Żwieġ Nisrani:***

William Borg u Pauline Cassar
Sandro Vella u Claudia Schembri
Massimo Gatt u Leanne Delia
Stephen Vassallo u Lee Ann Buġeja
Christian Cascun u Maria Said Pullicino
Daniel Muscat u Jessica Spiteri
Keith Zammit Marmara u Stefania Sant
Daniel Soler u Vincienne Zammit
Clifton Portelli u Francesca Ferriġġi

***Ingħaqdu mal-Mulej fis-Sema:***

Charles Emanuel Farrugia
Roger Aquilina
Bartholomeo Bezzina
Evellina Abela
Joseph Pirotta
Carmelo Padovani

***Nitolbu lill-Mulej għalihom ilkoll.***

## Sena Kateketika 2013 – 2014

Il-ġenituri tat-tfal li ser jitħejjew għal-Ewwel Tqarbina (tfal tal-year 2) iridu jiktbu lil uliedhom għall-klassi tal-katekiżmu billi jiġu l-uffiċċju parrokkjali. Iridu jġibu magħhom kopja taċ-ċertifikat tal-magħmudija ta' wliedhom.

**It-Tnejn 30 ta' Settembru:** Jibda t-tagħlim għat-tfal kollha.

**It-Tnejn 7 t'Ottubru:** Fis-6.00p.m. ikollna quddiesa għat-tfal kollha tal-klassijiet tal-katekiżmu u wara noħorġu purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju.

**Fis-sajf Ġesù jibqa' jistedinna għall-Ewkaristija.**

**Matul is-sajf ma ninqatgħux mill-Quddiesa tal-Ħadd.**

Inkunu fil-ħin u nipparteċipaw fit-talb bil-qalb.

Immorru libsin kif jixraq lid-dar ta' Alla.

## Ħinijiet tal-Quddies u tal-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**
*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***
*It-Tnejn u l-Erbgħa:* 4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail:* parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org